ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

https://unece.org/status-1958-agreement-and-annexed-regulations

Ir-Regolament Nru 160 tan-NU - Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tar-Reġistratur tad-*Data* f'każ ta' Event [2021/1215]

Serje ta' emendi 01

Data tad-dħul fis-seħħ: TBC

Dan id-dokument huwa intiż purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni. It-test awtentiku u legalment vinkolanti huwa: ECE/TRANS/WP.29/2021/58.

WERREJ

REGOLAMENT

0. Introduzzjoni
1. Kamp ta' applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Rekwiżiti
6. Modifika tat-tip ta' vettura u estensjoni tal-approvazzjoni
7. Konformità tal-produzzjoni
8. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
10. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
11. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ANNESSI

1 Komunikazzjoni
2 Dokument ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura fir-rigward tar-Reġistratur tad-*Data* f'każ ta' Event (EDR) tiegħu
3 Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni
4 L-elementi u l-format tad-*data*

0. INTRODUZZJONI

0.1. L-intenzjoni ta' dan ir-Regolament hija li jistabbilixxi dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur tal-Kategoriji M_1 u N_1 fir-rigward tar-Reġistraturi tad-*Data* f'każ ta' Event (EDRs) tagħhom.

0.2. Id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw il-ġbir, il-ħżin u l-kapaċità ta' sopravivenza minimi f'każ ta' ħabta tad-*data* f'każ ta' event ta' ħabta ta' vettura bil-mutur. Dan ma jinkludix speċifikazzjonijiet għall-għodod u l-metodi għall-irkupru tad-*data* minħabba li dan huwa soġġett għal rekwiżit fil-livell nazzjonali/reġjonali.

0.3. Il-fini ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jiġi żgurat li l-EDRs jirreġistraw, b'mod li jista' jintuża faċilment, *data* siewja għal investigazzjonijiet effettivi f'każ ta' ħabta u għall-analiżi tal-prestazzjoni tat-tagħmir tas-sikurezza (eż., sistemi avvanzati ta' trażżin). Din id-*data* se tgħin biex jiġi pprovdut fehim aħjar taċ-ċirkostanzi li fihom iseħħu ħabtiet u korrimenti u se tiffaċilita l-iżvilupp ta' disinni ta' vetturi aktar sikuri.

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 ([1]) fir-rigward tar-Reġistratur tad-*Data* f'każ ta' Event (EDR) tagħhom.

1.2. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-liġijiet nazzjonali jew reġjonali relatati mal-privatezza, mal-protezzjoni tad-*data* u mal-ipproċessar tad-*data* personali.

1.3. L-elementi tad-*data* li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni: VIN, id-dettalji assoċjati tal-vettura, id-*data* dwar il-lokalizzazzjoni/il-pożizzjonament, l-informazzjoni tas-sewwieq, u d-data u l-ħin ta' event.

1.4. Jekk ma jkun hemm l-ebda sistema jew sensur iddisinjat biex jipprovdi l-element tad-*data* li għandu jiġi rreġistrat u maħżun fit-taqsima 3, fil-format (firxa, riżoluzzjoni, u rata tal-kampjunar) indikat fl-Anness 4. "ELEMENTI TAD-*DATA*" jew jekk ma jkunx operattiv fil-ħin tar-reġistrazzjoni, dan id-dokument la jirrikjedi r-reġistrazzjoni ta' tali *data* u lanqas l-immuntar jew it-tħaddim ta' tali sistemi jew sensuri. Madankollu, jekk il-vettura tkun mgħammra b'sensur jew b'sistema tal-manifattur tat-tagħmir oriġinali mfassla biex tipprovdi l-element tad-*data* fil-format speċifikat fl-Anness 4. "ELEMENTI TAD-*DATA*", imbagħad huwa obbligatorju li l-element tad-*data* jiġi rrapportat fil-format speċifikat meta s-sensur jew is-sistema tkun operattiva. F'każ li r-raġuni għaliex ma jkunx qed jaħdem fil-ħin tar-reġistrazzjoni tkun ħsara f'din is-sistema jew sensur, dan l-istat ta' ħsara għandu jiġi rreġistrat mill-EDR kif definit fl-Anness 4 tal-elementi tad-*data*. Elementi tad-*data*.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dawn l-elementi ta' prestazzjoni:

2.1. "*Attività ABS*" tfisser li s-sistema antilokk tal-ibbrejkjar (ABS) qed tikkontrolla b'mod attiv il-brejkijiet tal-vettura.

2.2. "*Status tal-lampa ta' twissija tal-airbag*" tfisser jekk il-lampa ta' twissija ta' ħsara tal-airbag hijiex mixgħula jew mitfija.

2.3. "*Ksib*" tfisser il-proċess ta' buffering tad-*data* tal-EDR f'ħażna temporanja u volatili fejn tiġi aġġornata kontinwament f'intervalli ta' ħin regolari.

2.4. "*Delta-V, laterali*" tfisser il-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrata mill-EDR tal-vettura, tul l-assi laterali.

2.5. "*Delta-V, longitudinali*" tfisser il-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrata mill-EDR tal-vettura, tul l-assi longitudinali.

2.6. "*Ħin tal-attivazzjoni, airbag ta' quddiem*" tfisser (kemm għas-sewwieq kif ukoll għall-passiġġier ta' quddiem) il-ħin li jkun għadda mill-ħin żero tal-ħabta sal-kmand tal-attivazzjoni jew għal sistemi tal-airbag b'diversi stadji, il-kmand tal-attivazzjoni għall-ewwel stadju.

2.7. "*Ħin ta' tmiem l-event*" tfisser il-mument li fih id-delta-V kumulattiva fi ħdan perjodu ta' ħin ta' 20 ms issir 0.8 km/h jew inqas, jew il-mument li fih l-algoritmu ta' detezzjoni tal-ħabta tal-unità ta' kontroll tal-airbag jiġi rrisettjat.

([1]) Kif definit fit-Taqsima 2 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6) – https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions.

2.8 "*RPM tal-magna*" tfisser:

(a) Għall-vetturi li jaħdmu b'magni tal-kombustjoni interna, in-numru ta' rotazzjonijiet kull minuta tal-krankxaft ewlieni tal-magna tal-vettura, u

(b) Għall-vetturi li ma jaħdmux kompletament b'magni ta' kombustjoni interna, in-numru ta' rotazzjonijiet kull minuta tax-xaft tal-mutur fil-punt li fih jidħol fil-gerboks tat-trażmissjoni tal-vettura, u

(c) Għall-vetturi li ma jaħdmux b'magni ta' kombustjoni interna, in-numru ta' rotazzjonijiet kull minuta tax-xaft tal-output tal-apparat(i) li jipprovdi/u potenza motriċi.

2.9. "*Aċċelleratur tal-magna, perċentwal sħiħ*" tfisser l-aċċellerazzjoni mitluba mis-sewwieq kif imkejla mis-sensur tal-pożizzjoni tal-aċċelleratur fuq il-kontroll tal-aċċelleratur meta mqabbla mal-pożizzjoni magħfusa għalkollox.

2.10. "*Event*" tfisser ħabta jew okkorrenza fiżika oħra li twassal biex jintlaħaq jew jinqabeż il-limitu ta' skattar, jew biex jiġi attivat kwalunkwe trażżin mhux riversibbli li jista' jiġi attivat, skont liema jseħħ l-ewwel.

2.11. "*Reġistratur tad-data ta' event*" (EDR) tfisser apparat jew funzjoni f'vettura li tirreġistra d-*data* dinamika u tas-serje tal-ħin tal-vettura matul il-perjodu ta' ħin eżatt qabel event (eż., il-veloċità tal-vettura vs. il-ħin) jew matul event ta' ħabta (eż., delta-V vs. il-ħin), maħsuba għall-irkupru wara l-event tal-ħabta. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, id-*data* f'każ ta' event ma tinkludix *data* awdjo u vidjo.

2.12. "*Airbag ta' quddiem*" tfisser sistema ta' trażżin li tintefaħ li ma tirrikjedi l-ebda azzjoni mill-okkupanti tal-vettura u li tintuża biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti nazzjonali applikabbli ta' protezzjoni minn ħabta fuq quddiem.

2.13. "Jekk tiġi rreġistrata" tfisser jekk id-*data* tiġi rreġistrata f'memorja mhux volatili għall-fini ta' downloading sussegwenti.

2.14. "*Ċiklu tal-ignixin, ħabta*" tfisser in-numru (l-għadd) taċ-ċikli tal-modalità tal-enerġija fil-ħin meta seħħ l-event tal-ħabta mill-ewwel użu tal-EDR.

2.15. "*Download taċ-ċiklu tal-ignixin*" tfisser in-numru (l-għadd) taċ-ċikli tal-modalità tal-enerġija fil-ħin meta d-*data* tkun ġiet iddawnlowdjata mill-ewwel użu tal-EDR.

2.16. "*Aċċellerazzjoni laterali*" tfisser il-komponent tal-aċċellerazzjoni tal-vettur ta' punt fil-vettura fid-direzzjoni y. L-aċċellerazzjoni laterali hija pożittiva mix-xellug għal-lemin, mill-perspettiva tas-sewwieq meta jkun bilqiegħda fil-vettura jħares lejn id-direzzjoni li fiha l-vettura tivvjaġġa 'l quddiem.

2.17. "*Aċċellerazzjoni longitudinali*" tfisser il-komponent tal-aċċellerazzjoni tal-vettur ta' punt fil-vettura fid-direzzjoni x. L-aċċellerazzjoni longitudinali hija pożittiva fid-direzzjoni li fiha l-vettura tivvjaġġa 'l quddiem.

2.18. "*Delta-V massima, laterali*" tfisser il-valur massimu tal-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrata mill-EDR, tal-vettura tul l-assi laterali.

2.19. "*Delta-V massima, longitudinali*" tfisser il-valur massimu tal-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrata mill-EDR, tal-vettura tul l-assi longitudinali.

2.20. "*Delta-V massima, riżultanti*" tfisser il-valur massimu korrelatat mal-ħin tal-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif rapportat mill-EDR, tul l-assi longitudinali u laterali miżjud mill-vettur.

2.21. "*Ħabta b'diversi eventi*" tfisser l-okkorrenza ta' minimu ta' 2 eventi, li l-ewwel u l-aħħar wieħed minnhom jibdew mhux aktar minn 5 sekondi 'l bogħod minn xulxin.

2.22. "*Memorja mhux volatili*" tfisser il-memorja riżervata għaż-żamma tad-*data* tal-EDR reġistrata b'mod semi permanenti. Id-*data* reġistrata f'memorja mhux volatili tinżamm wara telf ta' potenza u tista' tiġi rkuprata b'għodod u metodi ta' estrazzjoni tad-*data* tal-EDR.

2.23. "*Aċċellerazzjoni normali*" tfisser il-komponent tal-aċċellerazzjoni tal-vettur ta' punt fil-vettura fid-direzzjoni z. L-aċċellerazzjoni normali hija pożittiva f'direzzjoni 'l isfel.

2.24. "*Klassifikazzjoni tad-daqs tal-okkupant*" tfisser, għall-passiġġier ta' quddiem, il-klassifikazzjoni ta' okkupant bħala adult u mhux tifel/tifla, u għas-sewwieq, il-klassifikazzjoni tas-sewwieq bħala li ma jkunx ta' statura żgħira kif indikat fil-format tad-*data*.

2.25 "Operazzjonali" tfisser li s-sistema jew is-sensur, fil-ħin tal-event, ikun attiv jew jista' jiġi attivat/diżattivat mis-sewwieq.

2.26. "*Status ta' soppressjoni tal-airbag tal-passiġġier*" tfisser l-istatus tal-airbag tal-passiġġier (soppress jew mhux soppress).

2.27. "*Pretensioner*" tfisser apparat li jiġi attivat mis-sistema ta' detezzjoni tal-ħbit tal-vettura u li jneħħi l-parti merħija minn sistema ta' ċinturin tas-sikurezza tal-vettura.

2.28. "*Rekord*" tfisser il-proċess li bih tinħażen id-*data* miksuba mill-EDR f'ħażna mhux volatili għal irkupru sussegwenti.

2.29. "*Status taċ-ċinturin tas-sikurezza*" tfisser ir-rispons mis-sistema tas-sikurezza rigward jekk iċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vettura jkun maqful jew mhux maqful.

2.30. "*Swiċċ tal-pożizzjoni tal-korsa tas-sit, l-aktar 'il quddiem, status*" tfisser l-istatus tal-iswiċċ li huwa installat biex jiġi identifikat jekk is-sit jiġix imċaqlaq għal pożizzjoni 'l quddiem.

2.31. "*Brejk ta' servizz, attivat u mhux attivat*" tfisser l-istatus tal-apparat li huwa installat fis-sistema tal-pedala tal-brejk jew konness magħha biex jiġi identifikat jekk il-pedala ġietx magħfusa. L-apparat jista' jinkludi l-iswiċċ tal-pedala tal-brejk jew kontroll ieħor tal-brejk ta' servizz imħaddem mis-sewwieq.

2.32. "*Airbag tal-ġenb*" tfisser kwalunkwe apparat ta' trażżin tal-okkupant li jintefaħ li jkun immuntat fuq l-istruttura tas-sit jew tal-ġenb tal-vettura interna, u li jkun iddisinjat biex jiġi attivat f'ħabta b'impatt mill-ġenb biex jgħin itaffi l-korriment li jista' jsofri l-okkupant jew li dan jintefa' 'l barra.

Nota - L-airbags tal-ġenb jistgħu jiġu attivati wkoll f'modalitajiet oħra ta' ħbit kif determinat mill-manifattur tal-vettura.

2.33. "*Purtiera/airbag forma ta' tubutal-ġenb*" tfisser kwalunkwe apparat ta' trażżin tal-okkupant li jista' jintnefaħ li jkun immuntat mal-istruttura tal-ġenb tal-vettura interna, u li jkun iddisinjat biex jiġi attivat f'ħabta jew fi qlib b'impatt mill-ġenb u biex jgħin itaffi l-korriment li jista' jsofri l-okkupant u/jew jevita li dan jintefa' 'l barra.

Nota - Il-purtieri/airbags forma ta' tubu tal-ġenb jistgħu jiġu attivati wkoll f'modalitajiet oħra ta' ħbit kif determinat mill-manifattur.

2.34. "*Veloċità, vettura indikata*" tfisser il-veloċità tal-vettura indikata minn subsistema magħżula mill-manifattur maħsuba biex tindika l-veloċità tal-ivvjaġġar fuq l-art tal-vettura matul it-tħaddim tal-vettura.

2.35. "*Kontroll tal-istabbiltà*" tfisser kwalunkwe apparat li jikkonforma mas-"Sistemi elettroniċi ta' kontroll tal-istabbiltà" nazzjonali.

2.36. "*Input tal-istering*" tfisser l-ispostament angolari tar-rota tal-istering imkejjel mill-pożizzjoni dritt 'il quddiem (pożizzjoni li tikkorrispondi għal angolu tal-istering medju żero ta' par roti direzzjonali).

2.37. "*Ħin mill-event 1 sa 2*" tfisser il-ħin li jkun għadda mill-ħin żero tal-ewwel event sal-ħin żero tat-tieni event ta' ħabta b'diversi eventi.

2.38. "*Ħin, delta-V massima, laterali*" tfisser il-ħin mill-ħin żero tal-ħabta sal-punt fejn jinstab il-valur massimu tal-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrat mill-EDR, tul l-assi laterali.

2.39. "*Ħin, delta-V massima, longitudinali*" tfisser il-ħin mill-ħin żero tal-ħabta sal-punt fejn jinstab il-valur massimu tal-bidla kumulattiva fil-veloċità, kif reġistrat mill-EDR, tul l-assi longitudinali.

2.40. "*Ħin, delta-V massima, riżultanti*" tfisser il-ħin mill-ħin żero tal-ħabta sal-punt fejn isseħħ id-delta–V massima riżultanti, kif rapportat mill-EDR.

2.41. "*Ħin sal-attivazzjoni, pretensioner*" tfisser il-ħin li jkun għadda mill-ħin żero tal-ħabta sal-kmand tal-attivazzjoni għall-pretensioner taċ-ċinturin tas-sikurezza (kemm għas-sewwieq kif ukoll għall-passiġġier ta' quddiem).

2.42. "*Ħin sal-attivazzjoni, airbag/purtiera tal-ġenb*" tfisser il-ħin li jkun għadda mill-ħin żero tal-ħabta sal-kmand tal-attivazzjoni għal airbag tal-ġenb jew għal purtiera/airbag forma ta' tubu tal-ġenb (kemm għas-sewwieq kif ukoll għall-passiġġier ta' quddiem).

2.43. "*Ħin sal-ewwel stadju*" tfisser il-ħin li jkun għadda bejn il-ħin żero u l-ħin meta l-ewwel stadju ta' airbag ta' quddiem jingħata l-kmand biex jiġi attivat.

2.44. "*Ħin sal-istadju n"*tfisser il-ħin li jkun għadda mill-ħin żero tal-ħabta sal-kmand tal-attivazzjoni għall-istadju n ta' airbag ta' quddiem (kemm għas-sewwieq kif ukoll għall-passiġġier ta' quddiem).

2.45. "*Ħin żero*" hija r-referenza tal-ħin għall-kronogrammi tad-*data* tal-EDR ta' event.

2.46. "*Limitu tal-iskattar*" tfisser li l-parametru xieraq ikun issodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' event tal-EDR.

2.47. "*Angolu tal-qlib tal-vettura*" tfisser l-angolu bejn l-assi y tal-vettura u l-pjan tal-art kif determinat mis-sistema ta' detezzjoni.

2.48. "*Tip ta' vettura fir-rigward tar-Reġistratur tad-Data f'każ ta' Event tiegħu*" tfisser vetturi li ma jvarjawx b'mod sinifikanti f'tali aspetti essenzjali bħal:

(a) L-isem kummerċjali jew il-marka tal-manifattur;

(b) Il-karatteristiċi tal-vettura li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-EDR b'mod sinifikanti; Iż-żieda ta' skattatur(i) ġdid/ġodda, *data* ġdida (elementi), jew modifika fil-format tagħhom, ma għandhomx jitqiesu bħala "li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-EDR b'mod sinifikanti";

(c) Il-karatteristiċi ewlenin u d-disinn tal-EDR.

2.49. "*Memorja volatili*" tfisser il-memorja riżervata għall-buffering ta' *data* miksuba mill-EDR. Il-memorja mhijiex kapaċi żżomm id-*data* b'mod semi permanenti. Id-*data* miksuba fil-memorja volatili tiġi ssostitwita kontinwament, ma tinżammx fil-każ ta' telf ta' enerġija u ma tistax tiġi rkuprata b'għodod ta' estrazzjoni tad-*data* tal-EDR.

2.50. "*Sistema ta' sikurezza sekondarja għall-utenti vulnerabbli tat-triq*" tfisser sistema ta' vettura li tista' tintuża barra mill-kompartiment tal-okkupant maħsuba biex ittaffi l-konsegwenzi ta' korriment għall-utenti vulnerabbli tat-triq waqt ħabta.

2.51. "*Direzzjoni-X*" tfisser fid-direzzjoni tal-assi-X tal-vettura, li huwa parallel mal-linja tan-nofs longitudinali tal-vettura. Id-direzzjoni-X hija pożittiva fid-direzzjoni li fiha l-vettura tivvjaġġa 'l quddiem.

2.52. "*Direzzjoni-Y*" tfisser fid-direzzjoni tal-assi-Y tal-vettura, li huwa perpendikolari għall-assi-X tagħha u fl-istess pjan orizzontali bħal dak l-assi. Id-direzzjoni-Y hija pożittiva mix-xellug għal-lemin, mill-perspettiva tas-sewwieq meta jkun bilqiegħda fil-vettura jħares lejn id-direzzjoni li fiha l-vettura tivvjaġġa 'l quddiem.

2.53. "*Direzzjoni-Z*" tfisser fid-direzzjoni tal-assi-Z tal-vettura, li huwa perpendikolari għall-assi X u Y. Id-direzzjoni-Z hija pożittiva f'direzzjoni 'l isfel.

2.54. "*Rata tal-qlib tal-vettura*" tfisser il-bidla fl-angolu tal-vettura mal-ħin madwar l-assi X tagħha kif determinata mis-sistema ta' detezzjoni.

2.55. "*Rata tal-imbardata tal-vettura*" tfisser il-bidla fl-angolu tal-vettura mal-ħin madwar l-assi-Z tagħha kif determinata mis-sistema ta' detezzjoni.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-EDR tagħha għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-Parti Kontraenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 3 tal-Ftehim tal-1958.

3.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumentazzjoni li ġejja (fl-Anness 2 jingħata mudell tad-dokument ta' informazzjoni):

3.2.1. Deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-entrati speċifikati fil-paragrafu 5 hawn taħt, b'mod partikolari b'rabta mal-post tal-EDR fil-vettura, il-parametri tal-iskattar, il-kapaċità tal-ħżin u r-reżistenza għal deċellerazzjoni għolja u għall-istress mekkaniku ta' impatt serju;

3.2.2. L-elementi u l-format tad-*data* maħżuna fl-EDR;

3.2.3. Struzzjonijiet għall-irkupru tad-*data* mill-EDR.

3.3. Għandha tintbagħat vettura, li tkun rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandu jiġi approvat, lill-awtorità tal-approvazzjoni jew lis-servizz tekniku li din tkun ħatret bħala responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 5 ta' hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jingħata numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ numri tiegħu (attwalment 00 għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi maġġuri reċenti li saru fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew tar-rifjut tal-approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-applikant f'format li ma jeċċedix A4 (210 × 297mm) u fuq skala xierqa jew format elettroniku.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandha titwaħħal, b'mod li jidher u f'post li huwa faċilment aċċessibbli li huwa speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonforma mal-mudell deskritt fl-Anness 3 u li tikkonsisti f'waħda minn dawn li ġejjin:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit minn:

(a) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni; ([2]) u

(b) In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit bl-ittra "R", b'sing u bin-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku stipulat f'dan il-paragrafu;

jew

4.4.2. Forma ovali madwar l-ittri "UI" segwita mill-Identifikatur Uniku.

4.5. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.6. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi fuq il-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

5. REKWIŻITI

Ir-rekwiżiti għall-vetturi mgħammra b'EDR jinkludu l-elementi tad-*data*, il-format tad-*data*, il-ksib tad-*data*, u l-prestazzjoni tat-test tal-ħbit u l-kapaċità ta' sopravivenza.

5.1. Elementi tad-*data*

5.1.1. Kull vettura mgħammra b'EDR għandha tirreġistra l-elementi tad-*data* speċifikati bħala obbligatorji kif ukoll dawk meħtieġa f'kundizzjonijiet minimi speċifikati matul l-intervall/il-ħin u bir-rata tal-kampjunar speċifikata fit-Tabella 1 tal-Anness 4.

5.2. Format tad-*data*

5.2.1. Kull element tad-*data* reġistrat għandu jiġi rrapportat f'konformità mal-firxa, l-akkuratezza u r-riżoluzzjoni speċifikati fit-Tabella 1 tal-Anness 4.

5.2.2. *Data* u format tal-Ħin-Storja tal-Aċċellerazzjoni: id-*data* tal-ħin-storja tal-aċċellerazzjoni longitudinali, laterali u normali, kif applikabbli, għandha tiġi ffiltrata jew matul il-fażi ta' reġistrazzjoni jew matul il-fażi tad-downloading tad-*data* biex tinkludi:

5.2.2.1. Il-Fażi tal-Ħin (TS) li hija l-invers tal-frekwenza tal-kampjunar tad-*data* tal-aċċellerazzjoni u li għandha unitajiet ta' millisekondi;

5.2.2.2. In-numru tal-ewwel punt (NFP), li huwa numru sħiħ li meta jiġi mmultiplikat bit-TS ikun daqs il-ħin relattiv għall-ħin żero tal-ewwel punt tad-*data* tal-aċċellerazzjoni;

5.2.2.3. In-numru tal-aħħar punt (NLP), li huwa numru sħiħ li meta jiġi mmultiplikat bit-TS ikun daqs il-ħin relattiv għall-ħin żero tal-aħħar punt tad-*data* tal-aċċellerazzjoni; u

5.2.2.4. NLP—NFP + 1 valuri ta' aċċellerazzjoni li jibdew b'mod sekwenzjali bl-aċċellerazzjoni fil-ħin tal-NFP * TS u jkomplu l-kampjunar tal-aċċellerazzjoni f'żidiet fit-TS fil-ħin sakemm jintlaħaq il-ħin tal-NLP * TS.

([2]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6 - https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions

5.3. Ksib tad-*data*

L-EDR għandu jirreġistra d-*data* miksuba fil-vettura u din id-*data* għandha tibqa' fil-vettura soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.3.4, tal-anqas sakemm tinkiseb f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali jew tiġi ssostitwita f'konformità mal-paragrafu 5.3.4.

Il-buffer ta' memorja mhux volatili tal-EDR għandu jakkomoda d-*data* relatata ma' mill-inqas tliet eventi differenti.

L-elementi tad-*data* għal kull event għandhom jinkisbu u jiġu rreġistrati mill-EDR, kif speċifikat fil-paragrafu 5.1 f'konformità mal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li ġejjin:

5.3.1. Kundizzjonijiet għall-iskattar tar-reġistrazzjoni tad-*data*

Event għandu jiġi rreġistrat mill-EDR jekk jintlaħaq jew jinqabeż wieħed mill-valuri ta' limitu li ġejjin:

5.3.1.1. Bidla fil-veloċità longitudinali tal-vettura ta' aktar minn 8 km/h f'intervall ta' 150 ms jew inqas.

5.3.1.2. Bidla fil-veloċità laterali tal-vettura ta' aktar minn 8 km/h f'intervall ta' 150 ms jew inqas

5.3.1.3. Attivazzjoni tas-Sistema ta' trażżin tal-okkupanti mhux riversibbli.

5.3.1.4. Attivazzjoni tas-Sistema ta' sikurezza sekondarja għall-utenti vulnerabbli tat-triq

Jekk vettura ma tkun mgħammra b'ebda sistema ta' sikurezza sekondarja tal-Utent Vulnerabbli tat-Triq (VRU), dan id-dokument la jirrikjedi r-reġistrazzjoni tad-*data* u lanqas l-immuntar ta' tali sistemi. Madankollu, jekk il-vettura tkun mgħammra b'tali sistema, allura jkun obbligatorju li d-*data* tal-event tiġi rreġistrata wara l-attivazzjoni ta' din is-sistema.

5.3.2. Kundizzjonijiet għall-iskattar tal-illokkjar tad-*data*

Fiċ-ċirkostanzi pprovduti hawn taħt, il-memorja għall-event għandha tkun illokkjata biex tiġi evitata kwalunkwe sostituzzjoni futura tad-*data* minn event sussegwenti.

5.3.2.1. Fil-każijiet kollha fejn tintuża sistema ta' trażżin tal-okkupanti mhux riversibbli.

5.3.2.2. Fil-każ ta' impatt fuq quddiem, jekk il-vettura ma tkunx mgħammra b'sistema ta' trażżin mhux riversibbli għal impatt fuq quddiem, meta t-tibdil tal-veloċità tal-vettura fid-direzzjoni tal-assi-x jaqbeż il-25 km/h f'intervall ta' 150 ms jew inqas.

5.3.2.3. Attivazzjoni ta' sistema ta' sikurezza sekondarja għall-utenti vulnerabbli tat-triq

5.3.3. Il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tal-ħin żero

Il-ħin żero jiġi stabbilit fil-ħin meta kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin isseħħ l-ewwel:

5.3.3.1. Għal sistemi b'sistemi ta' kontroll tal-airbag "wake-up", il-ħin li fih jiġi attivat l-algoritmu ta' kontroll tat-trażżin tal-okkupant; jew

5.3.3.2. Għal algoritmi li jaħdmu kontinwament,

5.3.3.2.1. L-ewwel punt fl-intervall fejn tintlaħaq delta-V longitudinali u kumulattiva ta' aktar minn 0.8 km/h f'perjodu ta' ħin ta' 20 ms; jew

5.3.3.2.2. Għall-vetturi li jirreġistraw "delta-V, laterali," l-ewwel punt fl-intervall fejn tintlaħaq delta-V laterali u kumulattiva ta' aktar minn 0.8 km/h f'perjodu ta' ħin ta' 5 ms; jew

5.3.3.3. L-attivazzjoni ta' trażżin mhux riversibbli li jista' jiġi attivat jew l-attivazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni tas-sikurezza sekondarja tal-VRU.

5.3.4. Sostituzzjoni

5.3.4.1 Jekk ma jkunx hemm disponibbli buffer tal-memorja mhux volatili tal-EDR tad-*data* ta' event preċedenti, id-*data* reġistrata għandha, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.3.2., tiġi ssostitwita bid-*data* tal-event kurrenti, fuq bażi ta' joħroġ li daħal l-ewwel, jew skont strateġiji differenti deċiżi mill-manifattur u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti tal-Partijiet Kontraenti.

5.3.4.2 Barra minn hekk, jekk ma jkunx hemm disponibbli spazju vojt tal-buffer ta' memorja mhux volatili tal-EDR tad-*data* tal-event preċedenti, id-*data* li toriġina minn sistema ta' trażżin mhux riversibbli jew minn sistema ta' sikurezza sekondarja għall-utenti vulnerabbli tat-triq, l-eventi ta' attivazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.3.2 għandhom dejjem jissostitwixxu kwalunkwe *data* oħra li ma tkunx illokkjata skont il-paragrafu 5.3.2.

5.3.5. Falliment fil-provvista elettrika

Id-*data* reġistrata f'memorja mhux volatili tinżamm wara qtugħ tal-provvista elettrika.

5.4. Prestazzjoni tat-test tal-ħbit u l-kapaċità ta' sopravivenza

5.4.1. Kull vettura soġġetta għar-rekwiżiti tar-regolamenti nazzjonali jew reġjonali tat-test tal-ħbit fuq quddiem għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet fil-paragrafu 5.4.3.

5.4.2. Kull vettura soġġetta għar-rekwiżiti tar-regolamenti nazzjonali jew reġjonali tat-test ta' ħabta b'impatt mill-ġenb, għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-paragrafu 5.4.3.

5.4.3. L-elementi tad-*data* meħtieġa mill-paragrafu 5.1 għandhom jiġu rreġistrati fil-format speċifikat mill-paragrafu 5.2, għandhom jeżistu meta jitlesta t-test tal-ħbit u l-element irreġistrat tad-*data* komplut għandu jaqra "iva" wara t-test. L-elementi li normalment ma joperawx f'testijiet tal-ħbit (eż. dawk relatati mat-tħaddim tal-magna, mal-ibbrejkjar, eċċ.) mhumiex meħtieġa li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' akkuratezza jew ta' riżoluzzjoni f'dawn it-testijiet tal-ħbit.

Id-*data* għandha tkun tista' tiġi rkuprata anki wara impatt ta' livell ta' severità stabbilit mir-Regolamenti Nru 94, 95 jew 137 tan-NU .

5.5. Ma għandux ikun possibbli li r-Reġistratur tad-*Data* f'każ ta' Event jiġi diżattivat.

6. MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI

6.1. Kull modifika fit-tip ta' vettura, kif definit fil-paragrafu 2.x ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun approvat it-tip ta' vettura. Imbagħad, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' jew:

6.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula ma għandhomx effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-approvazzjoni u tagħti estensjoni tal-approvazzjoni;

6.1.2. Jew tqis li l-modifiki magħmula jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-approvazzjoni u jirrikjedu aktar testijiet jew verifiki addizzjonali qabel ma tingħata estensjoni tal-approvazzjoni.

6.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati t-tibdiliet, għandha tiġi kkomunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3. ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament.

6.3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn dwar l-estensjoni permezz tal-formola ta' komunikazzjoni li tidher fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament. Din għandha tassenja numru tas-serje lil kull estensjoni, li għandu jkun magħruf bħala n-numru tal-estensjoni.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Il-proċeduri għall-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 2 u fl-Iskeda 1 tal-Ftehim (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

7.2. Vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tkun konformi mat-tip approvat billi jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5 ta' hawn fuq;

7.3. L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-konformità tal-metodi ta' kontroll applikabbli għal kull unità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' tali spezzjonijiet għandha tkun ta' darba kull sentejn.

8. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip tal-vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jiġux rispettati r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7 ta' hawn fuq.

8.2. Jekk Parti Kontraenti tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, hija għandha tavża minnufih b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament billi tibgħatilhom formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

9. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament mill-manifattura ta' tip ta' vettura approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni, li min-naħa tagħha għandha tinnotifika minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn għall-Ftehim li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI GĦAT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti ([3]) l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jagħtu l-approvazzjoni, u lil min għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni, jew iċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni.

11. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

11.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ: tas-serje ta' emendi 01, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 01.

11.2. Mill-1 ta' Lulju 2024, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont il-verżjoni oriġinali ta' dan ir-Regolament, maħruġa għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2024.

11.3. Sal-1 ta' Lulju 2026, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont il-verżjoni oriġinali ta' dan ir-Regolament, maħruġa għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Lulju 2024.

11.4. Mill-1 ta' Lulju 2026, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont il-verżjoni oriġinali ta' dan ir-Regolament.

([3]) Permezz tal-pjattaforma online ("/343 Application") ipprovduta min-NU/KEE u ddedikata għall-iskambju ta' tali informazzjoni: https://www.unece.org/trans/main/wp29/datasharing.html

11.5. Minkejja l-paragrafu 11.4., il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jaċċettaw l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont il-verżjoni oriġinali ta' dan ir-Regolament, għal vetturi li mhumiex milquta mit-tibdiliet imdaħħla permezz tas-Serje ta' emendi 01.

11.6. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip skont kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament jew ta' estensjonijiet tagħhom.

ANNESS 1

Komunikazzjoni

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm)



maħruġa minn: (Isem l-amministrazzjoni)
.....
.....
.....

Rigward: 2 (2)

Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tar-Reġistratur tad-Data f'każ ta' Event (EDR) tiegħu skont ir-Regolament Nru 160 tan-NU

Nru tal-Approvazzjoni: .....

Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk applikabbli): .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura: .....

2. It-tip ta' vettura: .....

3. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....

5. Deskrizzjoni qasira tal-vettura: .....

6. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....

6.1. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....

6.2. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....

7. Approvazzjoni mogħtija/rifjutata/estiża/irtirata:2

8. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....

9. Post: .....

10. Data: .....

11. Firma: .....

12. Il-lista ta' dokumenti ddepożitati mal-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni hija mehmuża ma' din il-komunikazzjoni.

---

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni f'dan ir-Regolament).

(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 2

Dokument ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura fir-rigward tar-Reġistratur tad-Data f'każ ta' Event (EDR) tiegħu

Għandu jiġi inkluż werrej.

It-tpinġijiet, jekk ikun hemm, għandhom jiġu pprovduti fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew fuq folder ta' format A4.

F'każ li jkun hemm xi ritratti, dawn għandu jkun fihom dettalji biżżejjed.

ĠENERALI

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura: .....

2. It-tip ta' vettura: .....

3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura: .....

4. Post fejn jinsab l-immarkar: .....

5. Post u metodu tat-twaħħil tal-marka tal-approvazzjoni: .....

6. Kategorija tal-vettura: .....

7. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

8. Indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

9. Ritratt(i)u/jewdisinn(i) ta' vettura rappreżentattiva: .....

10. EDR

10.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

10.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali: .....

10.3. Tpinġija/tpinġijiet jew ritratti li juru l-post u l-metodu tat-twaħħil tal-EDR fil-vettura: .....

10.4. Deskrizzjoni tal-parametru tal-iskattar: .....

10.5. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe parametru rilevanti ieħor (kapaċità tal-ħżin, reżistenza għal deċellerazzjoni għolja u għall-istress mekkaniku ta' impatt serju, eċċ.): .....

10.6. L-elementi tad-data u l-format tad-data maħżuna fl-EDR:


Element tad-data	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza	Riżoluzzjoni

10.7. Struzzjonijiet għall-irkupru tad-data mill-EDR: .....

ANNESS 3


Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

(ara l-paragrafi 4.4. sa 4.4.2. ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat fir-rigward tal-EDR tiegħu ġie approvat fil-Ġermanja (E 1), skont ir-Regolament Nru 160 tan-NU. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru ta' approvazzjoni (01) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament Nru 160 tan-NU fil-forma oriġinali tiegħu.



a ≥ 8 mm

L-Identifikatur Uniku ta' hawn fuq juri li t-tip ikkonċernat ġie approvat u li l-informazzjoni rilevanti dwar dik l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi aċċessata fil-bażi ta' data tal-internet sigura tan-NU billi jintuża 270650 bħala l-Identifikatur Uniku. Kwalunkwe żero fuq quddiem fl-Identifikatur Uniku jista' jitħalla barra fil-marka tal-approvazzjoni.

ANNESS 4

L-elementi u l-format tad-data [1]

Tabella 1

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit [1]	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni [2] (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza [3]	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat (i) għalih (om) [4]
Delta-V, longitudinali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni longitudinali tiġi rreġistrata f'livell ta' ≥500 Hz b'firxa u riżoluzzjoni suffiċjenti sabiex id-delta-v tiġi kkalkolata bl-akkuratezza meħtieġa	0 sa 250 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	100	-100 km/h sa + 100 km/h.	±10 %	1 km/h.	Planar
Delta-V massima, longitudinali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni longitudinali tiġi reġistrata f'livell ta' ≥500 Hz	0-300 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	Mhux Applikabbli	-100 km/h sa + 100 km/h.	±10 %	1 km/h.	Planar
Ħin, delta-V massima, longitudinali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni longitudinali tiġi reġistrata f'livell ta' ≥500 Hz	0–300 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	Mhux Applikabbli	0–300 ms, jew 0-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	±3 ms	2.5 ms.	Planar
Veloċità, indikata mill-vettura	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	0 km/h sa 250 km/h	±1 km/h	1 km/h.	Planar VRU
Aċċelleratur tal-magna, % miftuħ (jew pedala tal-aċċelleratur, % miftuħ)	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	0 sa 100 %	±5 %	1 %	Planar Qlib VRU
Brejk ta' servizz, mixgħul/mitfi	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mixgħul jew Mitfi	Mhux Applikabbli	Mixgħul jew Mitfi.	Planar VRU Qlib

[1] Ir-rekwiżiti tal-format speċifikati hawn taħt huma rekwiżiti minimi u l-manifatturi jistgħu jaqbżuhom.

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit (1)	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (2) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza (3)	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat (i) għalih (om) (4)
Ċiklu tal-ignixin, ħbit	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	0 sa 60,000	±1 ċiklu	1 ċiklu.	Planar VRU Qlib
Ċiklu tal-ignixin, download	Obbligatorju	Fil-ħin tad-download (5)	Mhux Applikabbli	0 sa 60,000	±1 ċiklu	1 ċiklu.	Planar VRU Qlib
L-istatus taċ-ċinturin tas-sikurezza, is-sewwieq	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Planar Qlib
Lampa ta' twissija tal-airbag (6),	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Mixgħula jew Mitfija	Mhux Applikabbli	Mixgħula jew Mitfija.	Planar Qlib
Attivazzjoni tal-airbag ta' quddiem, il-ħin sal-attivazzjoni, fil-każ ta' airbag bi stadju wieħed, jew il-ħin sal-attivazzjoni tal-ewwel stadju, fil-każ ta' airbag b'diversi stadji, sewwieq.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Attivazzjoni tal-airbag ta' quddiem, il-ħin sal-attivazzjoni, fil-każ ta' airbag bi stadju wieħed, jew il-ħin sal-attivazzjoni tal-ewwel stadju, fil-każ ta' airbag b'diversi stadji, passiġġier ta' quddiem.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Ħabta b'diversi eventi, numru tal-event	Jekk Irreġistrata (7)	Event	Mhux Applikabbli	1 jew aktar	Mhux Applikabbli	1 jew aktar.	Planar VRU Qlib

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit (1)	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (2) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza (3)	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat (i) għalih (om) (4)
Ħin mill-event 1 sa 2	Obbligatorju	Kif meħtieġ	Mhux Applikabbli	0 sa 5.0 sek	±0,1 sek	0,1 sek.	Planar Qlib
Fajl komplut irreġistrat (iva, le)	Obbligatorju	Skont data oħra	Mhux Applikabbli	Iva jew Le	Mhux Applikabbli	Iva jew Le.	Planar VRU Qlib
Aċċellerazzjoni laterali (wara ħabta)	Jekk Tiġi Rreġistrata	0-250 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	500 Hz	-50 sa +50 g	+/- 10 %	1 g	Planar Qlib
Aċċellerazzjoni longitudinali (wara ħabta)	Jekk Tiġi Rreġistrata	0-250 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	500 Hz	-50 sa +50 g	+/- 10 %	1 g	Planar
Aċċellerazzjoni normali (wara ħabta)	Jekk tiġi rreġistrata	-1.0 sa 5.0 sek (8)	10 Hz	-5 g sa +5 g	±10 %	0,5 g	Qlib
Delta-V, laterali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni laterali tiġi rreġistrata f'livell ta' ≥500 Hz u b'firxa u riżoluzzjoni suffiċjenti sabiex id-delta-v tiġi kkalkolata bl-akkuratezza meħtieġa	0-250 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	100	-100 km/h sa + 100 km/h.	±10 %	1 km/h.	Planar
Delta-V massima, laterali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni laterali tiġi reġistrata f'livell ta' ≥500 Hz	0-300 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	Mhux Applikabbli	-100 km/h sa + 100 km/h.	±10 %	1 km/h.	Planar

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit ([1])	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni ([2]) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza ([3])	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat(i) għalih (om) ([4])
Ħin massimu delta-V, laterali	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni laterali tiġi reġistrata f'livell ta' ≥500 Hz	0-300 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	Mhux Applikabbli	0–300 ms, jew 0-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	±3 ms	2.5 ms.	Planar
Il-ħin għad-delta-V massima, riżultanti.	Obbligatorju - mhux meħtieġ jekk l-aċċellerazzjoni rilevanti tiġi rreġistrata f'livell ta' ≥500 Hz	0-300 ms jew 0 sal-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	Mhux Applikabbli	0–300 ms, jew 0-Ħin ta' Tmiem l-Event b'żieda ta' 30 ms, skont liema jkun l-iqsar.	±3 ms	2.5 ms.	Planar
Rpm tal-magna	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	0 sa 10 000 rpm	±100 rpm ([9])	100 rpm.	Planar Qlib
Angolu tal-qlib tal-vettura	Jekk tiġi rreġistrata	-1.0 sa 5.0 sek ([8])	10	-1 080 grad sa + 1 080 grad	±10 %	10 gradi	Qlib
Rata tal-qlib tal-vettura	Mandatorju jekk ikun armat fuq il-vettura u użat għall-algoritmu ta' kontroll tas-sistema ta' protezzjoni kontra l-qlib	-1,0 sa 5,0 sec ([10])	10	-240 sa +240 gradi/sek	+/- 10 % ([11])	1 grad/sek	Qlib
Attività ABS	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Bil-ħsara, Attiva, Tintervjeni ([12])	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Attiva, Tintervjeni ([11])	Planar VRU Qlib
Kontroll tal-istabbiltà	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Bil-ħsara, Mixgħula, Mitfija, Tintervjeni ([11])	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mixgħula, Mitfija, Tintervjeni ([11])	Planar VRU Qlib
Input tal-istering	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	-250 grad CW sa + 250 grad CCW.	±5 %	±1 %.	Planar VRU Qlib
L-istatus taċ-ċinturin tas-sikurezza, passiġġier ta' quddiem	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Planar Qlib

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit (1)	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (2) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza (3)	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat(i) għalih (om) (4)
Status ta' soppressjoni tal-airbag tal-passiġġier, quddiem	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Soppress jew mhux soppress	Mhux Applikabbli	Soppress jew mhux soppress	Planar Qlib
Attivazzjoni tal-airbag ta' quddiem, ħin sal-istadju n, sewwieq (3).	Obbligatorju jekk ikun installat airbag ta' quddiem tas-sewwieq b'tagħmir għall-infiħ b'diversi stadji.	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Attivazzjoni tal-airbag ta' quddiem, ħin sal-istadju n, passiġġier ta' quddiem (13).	Obbligatorju jekk ikun installat airbag ta' quddiem tal-passiġġier b'tagħmir għall-infiħ b'diversi stadji.	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Attivazzjoni tal-airbag tal-ġenb, il-ħin sal-attivazzjoni, sewwieq.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Attivazzjoni tal-airbag tal-ġenb, il-ħin sal-attivazzjoni, passiġġier ta' quddiem.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar
Attivazzjoni tal-purtiera/airbag forma ta' tubu tal-ġenb, il-ħin sal-attivazzjoni, naħa tas-sewwieq.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar Qlib
Attivazzjoni tal-purtiera/airbag forma ta' tubu tal-ġenb, il-ħin sal-attivazzjoni, naħa tal-passiġġier.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar Qlib
Attivazzjoni tal-pretensioner, ħin għall-iskattar, sewwieq.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar Qlib
Attivazzjoni tal-pretensioner, ħin għall-iskattar, passiġġier ta' quddiem.	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	±2 ms	1 ms.	Planar Qlib

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit (1)	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (2) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza (3)	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat (i) għalih (om) (4)
Swiċċ tal-pożizzjoni tal-korsa tas-sit, l-aktar 'il quddiem, status, sewwieq.	Obbligatorju jekk ikun installat u użat għad-deċiżjoni dwar l-attivazzjoni	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Iva jew Le	Mhux Applikabbli	Iva jew Le.	Planar Qlib
Swiċċ tal-pożizzjoni tal-korsa tas-sit, l-aktar 'il quddiem, status, passiġġier ta' quddiem.	Obbligatorju jekk ikun installat u użat għad-deċiżjoni dwar l-attivazzjoni	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Iva jew Le	Mhux Applikabbli	Iva jew Le.	Planar Qlib
Klassifikazzjoni tad-daqs tal-okkupant, sewwieq	Jekk tiġi rreġistrata	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	b'dimensjonijiet ta' mara tal-ħames perċentil jew akbar.	Mhux Applikabbli	Iva jew Le.	Planar Qlib
Klassifikazzjoni tad-daqs tal-okkupant, passiġġier ta' quddiem	Jekk tiġi rreġistrata	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	HIII US ATD jew Q6 ATD ta' persuna ta' 6 snin, jew iżgħar	Mhux Applikabbli	Iva jew Le.	Planar Qlib
Status taċ-ċinturin tas-sikurezza, passiġġieri ta' wara	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Planar Qlib
Status tal-Lampa ta' Twissija tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS)	Obbligatorju	-1,0 sekondi relattiv għall-ħin żero	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mixgħula jew Mitfija	Planar Qlib
Aċċellerazzjoni longitudinali (qabel il-ħabta)	Obbligatorju	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2 Hz	-1.5 g sa +1.5 g	+/- 10 %	0.1 g	Planar VRU
Aċċellerazzjoni laterali (qabel il-ħabta)	Obbligatorju	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2 Hz	-1.0 g sa +1.0 g	+/- 10 %	0.1 g	Planar
Rata tal-imbardata	Obbligatorju	-5 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2	-75 sa +75 gradi / sekonda	± 10 % tal-firxa kollha tas-sensur	0.1	Planar Qlib

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit [1]	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni [2] (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza [3]	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat(i) għalih (om) [4]
Status tal-Kontroll tat-Trazzjoni	Obbligatorju jekk mhux mgħammar b'ESC	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Jikkontrolla attivament, bil-Ħsara, Ikkmandat Mitfi jew Mixgħul imma Mhux Jikkontrolla	Planar Qlib
Status tal-AEBS	Obbligatorju	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Iwissi Attivament, Attivat, bil-Ħsara, Mitfi, Mhux Attiv	Planar VRU Qlib
Sistema tal-kontroll awtomatiku tal-veloċità	Obbligatorju	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Jikkontrolla Attivament, bil-Ħsara, Ikkmandat Mitfi jew Mixgħul imma Mhux Jikkontrolla	Planar VRU Qlib
Status tal-Kontroll Awtomatiku Adattiv tal-Veloċità (sistema tal-awtomatizzazzjoni tas-sewqan livelli 1)	Obbligatorju	-5,0 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Jikkontrolla Attivament, bil-Ħsara, Ikkmandat Mitfi jew Mixgħul imma Mhux Jikkontrolla	Planar VRU Qlib
Attivazzjoni tas-sistema tas-sikurezza sekondarja VRU, ħin għall-attivazzjoni	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	± 2 ms	1 ms	VRU
Status tal-indikatur ta' twissija tas-sistema tas-sikurezza sekondarja VRU [14]	Obbligatorju	-1,1 sa 0 sekonda relattiv għall-ħin żero	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mixgħula jew Mitfija	VRU
Status taċ-ċinturin tas-sikurezza pożizzjoni tannofs, fuq quddiem	Obbligatorju	-1.0 sek	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Mhux Applikabbli	Maqful, mhux maqful	Planar Qlib

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit [1]	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni [2] (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza [3]	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat(i) għalih (om) [4]
Airbag taċ-ċentru tal-impatt tan-naħa mhux tas-sewwieq	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	0 sa 250 ms	+/-2 ms	1 ms	Planar Qlib
Status tas-sistema ta' twissija tat-tluq mill-korsija	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma bla twissija, Mixgħula - Twissija xellug, Mixgħula - Twissija lemin	
Status tal-funzjoni tad-direzzjoni korrettiva (CSF)	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tintervjeni, Mixgħula - tintervjeni attivament	
Status tal-funzjoni tad-direzzjoni ta' emerġenza (ESF)	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tintervjeni, Mixgħula - tintervjeni attivament	
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija A	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija B1	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija B2	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	

Element tad-data	Kundizzjoni għar-rekwiżit (1)	Intervall/ħin tar-reġistrazzjoni (2) (relattiv għall-ħin żero)	Rata tal-kampjunar tad-data (kampjuni kull sekonda)	Firxa minima	Akkuratezza (3)	Riżoluzzjoni	Event(i) irreġistrat (i) għalih (om) (4)
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija C	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija D	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	
Status tal-funzjoni ta' direzzjoni kkmandata awtomatikament (ACSF) tal-kategorija E	Obbligatorju	-5.0 sa 0 sek	2	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mitfija, Mixgħula imma mhux tikkontrolla, Mixgħula - tikkontrolla attivament	
Status tas-sistema ta' sejħa ta' emerġenza f'każ ta' aċċident	Obbligatorju	Event	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Bil-ħsara, Mixgħula imma s-sejħa ta' emerġenza ma skattatx awtomatikament, Mixgħula - is-sejħa ta' emerġenza skattat awtomatikament	

(1) "Obbligatorju" huwa soġġett għall-kundizzjonijiet dettaljati fit-Taqsima 1.

(2) Id-data ta' qabel il-ħabta u d-data tal-ħabta huma asinkroniċi. Ir-rekwiżit tal-akkuratezza tal-ħin tal-kampjunar għall-ħin ta' qabel il-ħabta huwa ta' -0,1 sa 1,0 sek (eż., T = -1 ikun jeħtieġ li jseħħ bejn -1,1 u 0 sekondi).

(3) Ir-rekwiżit tal-akkuratezza japplika biss fil-firxa tas-sensur fiżiku. Jekk il-kejl li jinkiseb minn sensur jaqbeż il-firxa tad-disinn tas-sensur, l-element irrapportat għandu jindika meta l-kejl ikun qabeż għall-ewwel darba l-firxa tad-disinn tas-sensur.

(4) "Planar" tinkludi eventi skattati fit-taqsimiet 5.3.1.1, 5.3.1.2, u 5.3.1.3 u "VRU" tinkludi eventi skattati fit-taqsima 5.3.1.4.

(5) Iċ-ċiklu tal-ignixin fil-ħin tad-download mhuwiex meħtieġ li jiġi rreġistrat fil-ħin tal-ħabta iżda għandu jiġi rrapportat matul il-proċess tad-download.

(6) Il-lampa ta' twissija tal-airbag hija l-indikatur tal-prontezza speċifikat fir-rekwiżiti nazzjonali dwar l-airbags u tista' tixgħel ukoll biex tindika ħsara f'parti oħra tas-sistema ta' trażżin li tista' tiġi attivata.

(7) "Jekk irreġistrata" tfisser jekk id-data tiġi rreġistrata f'memorja mhux volatili għall-fini ta' downloading sussegwenti.

(8) Tista' tiġi rreġistrata fi kwalunkwe ħin; -1,0 sa 5,0 sek hija ssuġġerita.

(9) Dawn l-elementi ma għandhomx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' akkuratezza u riżoluzzjoni f'testijiet tal-ħbit speċifikati.

(10) "l-angolu tal-qlib tal-vettura" jista' jiġi rreġistrat fi kwalunkwe ħin; -1,0 sek sa 5,0 sek huwa ssuġġerit.

(11) Relattiv għall-firxa kollha tas-sensur.

(12) Il-manifatturi jistgħu jinkludu stati oħra tas-sistema.

(13) Elenka dan l-element n - 1 darbiet, darba għal kull stadju ta' sistema b'airbag b'diversi stadji.

(14) Jistgħu jiġu kkombinati diversi indikazzjonijiet tal-istatus tas-sistema tas-sikurezza fl-indikatur ta' twissija tal-airbag.